**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Mallia]**

**Vs**

**Glen Borg**

**Illum, 19 ta' Frar 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra:

"**Glen Borg**, detentur tal- karta tal-identita' numru 281675M;

Akkuzat talli nhar l-17 ta' Frar, 2023 bejn is-sieghat ta' 10:00pm u 19:00pm minn gewwa il-blokka tal-appartamenti Tulip Court gewwa Triq G. Abela, Haz-Zebbug Malta.

1. Ikkometta **serq** ta' Television Samsung 65inch (€1,300), 'BURO' ghamara (€500), kif ukoll 4 handbags (€600) liema serq huwa aggravat bil-**valur** u bil-**mezz**, u dan għad-detriment ta' Michelle Burman u/jew persuni oħra;

2. Ukoll illi kkawzajt hsara li l-ammont ta' ħsara magħmula huwa aktar minn ħames mitt Ewro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef Ewro (€5000).

U aktar talli irrenda ruħu **recidiv** ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu."

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat il-fedina penali tal-imputat.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Illi l-Pulizija giet infurmata li sehhet serqa minn residenza privata f'Haz-Zebbug fejn insterqu televizjoni, 'bureau', u erba' 'handbags' bil-valur, fl-ammont ta' elfejn u erba' mitt Ewro (€2,400) u f'liema serqa saru wkoll xi hsarat.

**L-Akkuzi fil-Qosor**

Illi l-imputat huwa akkuzat (1) b'serq ta' televizjoni, 'bureau', u erba' 'handbags' minn residenza privata f'Haz Zebbug għad-detriment ta'

Michelle Burman; liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur u (2) li kkawza hsarat li jammontaw ghal aktar minn hames mitt Ewro (€500) izda inqas minn hames elef Ewro (€5000). Huwa akkuzat ukoll li rrenda ruħu recidiv.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ddikjara li huwa hati u ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi stante ammissjoni tal-imputat **Glen Borg** l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi pero' din il-Qorti tqis illi ma hux gust li l-imputat jinstab hati wkoll illi huwa recidiv stante illi l-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni ma tilhaqx il-grad tal-prova kif rikjesta mil-ligi fil-kamp kriminali. U ghaldaqstant din il-Qorti ma hiex issib lill-imputat hati bhala recidiv.

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti qieset l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tal-imputat, il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, in-natura u gravita' tar-reati lilu addebitati, d-disposizzjoni tal-imputat li jsegwi programm sabiex jirrijabilita ruhu, il-fatt li r-rifurtiva giet ritornata kollha lill-vittma.

**Decide:**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikli 49, 50, 261 (b)(c), 263, 267, 289, 325(1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-

imputat Glen Borg hati taht l-Artikli 261(b) u (c), 263, 267, u 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ma ssibx lill-imputat hati taht l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Tikkundannah ghal zmien sena u nofs prigunerija effettivi li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Il-Qorti tirrakkomanda lill-Awtorita' tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin illi l-imputat jinghata l-assistenza kollha mehtiega sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur